Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, l-15 ta' Dicembru 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Sherona Buhagiar)**

**Versus**

**Ryan Micallef**
**(0186701L)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Ryan Micallef** ta' 21 sena, iben Mark u Marisa nee' Galea, mwieled il-Pieta' fl-14 ta' Mejju 2001 detentur tal-Karta tal-Identita Numru **0186701L,** u residenti gewwa 27, Rucher, Triq San Mikiel, Birzebbugia.

Akkuzat talli nhar it-13 ta' Dicembru 2022, f'xi hin bejn it-08.15hrs u l-10.15hrs, ġewwa Birzebbugia u/jew f'dawn il-Gzejjer Maltin;

1. Minghajr skuza ragonevoli kiser xi projbizzjoni jew restrizzjoni imposta fuqu b'ordni taht l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta mahruga nhar l-24 ta' Novembru, 2022 mill-Magistrat Dr. L. Lanfranco LL.D favur Maria Portelli u Silvana Duca, Art. 412C(11) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi ikkawża lill-eks siehba tieghu u cioe' Maria Portelli li tigi omm it-tifla tieghu Eve Micallef, biża li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-

axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet, Art. 251(1)(3), Art. 222(1)(a), Art. 202(h)(iv)(vi), Art. 251H(a), Art. 251HA tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

3. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi ikkawża lill-omm l-eks siehba tieghu u cioe' Silvana Duca, biża li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà taghha jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet, Art. 251(1)(3), tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

4. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' bieb principali ta' residenza, liema hsara tammonta ghal anqas minn 250 Ewro ghad-dannu ta' Rita Barbara, Art. 325 (1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

5. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet pubbliku b'ghajjat u storbju, Art. 338(dd) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

6. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, offenda l-pudur jew il-morali, b'egħmil li sar f'lok pubbliku, jew f'lok espost għall-pubbliku, Art. 209 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

7. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, bezaq xi sustanza jew nehha mahta mill-imnieher, jew halla jew iddepozita exkreta materjali tal-bniedem, inkluz vomtu, jew halla jew iddepozita xi exkreta materjali tal-annimali fuq jew ghal fuq xi triq jew xi post pubbliku, Skeda 1, Regolament 4 (e), L.S.549.40

8. U aktar talli fl-istess data, hinijiet, lok u cirkostanzi, ghamel ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra fil-Kodici Krimiali lil omm l-eks siehba tieghu u cioe' Silvana Duca jew, jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni. Art. 339(1)(e) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Ryan Micallef a` benefiċju ta' Maria Portelli u

Silvana Duca u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li jekk jidrilha xiraq tordna Ordni ta' Trattament skond Art 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Maria Portelli u Silvana Duca kif jew sabiex tinżamm il-Bon Ordni pubblika, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Ryan Micallef billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil Ryan Micallef b'Obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma flus li tigi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et. seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal zmien li thoss xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lil imsemmi Ryan Micallef sabiex ihallas l-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, jekk ikun il-kaz, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu fis-seduta ta' l-14 ta' Novembru 2022.

Semghat is-sottomissjonijiet fuq il-piena mill-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tieghu tenna li huwa ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lil imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

**Ikkunsidrat**

L-ammissjoni bikrija ta' l-imputat u l-Fedina Penali netta tieghu.

Illi l-partijiet qablu illi fil-kaz odjern ma' tkunx idonea piena karcerarja effettiva, kif ukoll illi l-imputat ghandu bzonn ghajnuna psikjattrika u psikologika, kif ukoll ghandu problemi ta' 'anger management' u t'abbuz mid-droga.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat Artikolu 7, 202(h)(iv)(vi), 209, 222(1)(a), 251(1)(3), 251H(a), 251HA, 325(1)(c), 338(dd), 339(1)(e) u 412C (11) tal-Kapitolu 9, kif ukoll Skeda 1 Regolament 4 ta' L.S. 549.40 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lil imputat Ryan Micallef **hati** ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih, u tordna li ai termini ta' **Artikolu 7 tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht **Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin millum**, b'dan illi qegħda tordna li l-ħati jitqiegħed taħt is-sorveljanza t'Uffiċjal tal-Probation indikat lilu mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole, liema ordnijiet huma soġġetti għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti fissret lil hati Ryan Micallef bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza, u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet, u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-Ordni ta' Probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is-sentenza.

In oltre l-Qorti qeghda tqieghed lil hati Ryan Micallef taht Ordni ta' Trattament ai termini tal-**Artikolu 412D** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'

Malta, sabiex jinghata l-ghajnuna psikjattrika u psikologika necessarja kif ukoll ghajnuna sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga, u ghajnuna ohra li jistgha jkollu bzonn l-imputat, hekk kif jistgha jigi rakkomandat mill-Probation Officer, bl-intervent ta' Professjonisti varji, b'liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' **tlett (3) snin** u li hija soggetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-**Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446** tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-Ordni ta' Probation u l-Ordni ta' Trattament moghtija b'Digriet ta' llum stess, ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja Ufficjal tal-Probation illi jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati Ryan Micallef. L-Uffiċjal sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħati kull **sitt (6) xhur.**

Inoltre ai termini ta' l-**Artikolu 412C tal-Kapitolu 9** tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti qed torbot lil hati **Ryan Micallef b'Ordni ta' Protezzjoni** ghal zmien **tlett (3) snin** millum ghall-**protezzjoni ta' Maria Portelli u Silvana Duca**. Il-Qorti fissret lil hati Ryan Micallef bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-Ordni ta' Protezzjoni u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Dwar it-talba tal-prosekuzzjoni, sabiex din il-Qorti taghti garanzija fil-konfront tal-*parte civile*, **Maria Portelli u Silvana Duca ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,** fic-cirkostanzi din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata u qeda torbot lill-imputat **Ryan Micallef** b'garanzija personali ta' **elfejn Euro (€2,000) ghal zmien sena mill-llum** u dan billi ma' jimmolestax, ma' jddejjaqx u ma' jingurjax lil *parte civile* **Maria Portelli u Silvana Duca.**

Il-Qorti spjegat l-import ta' din is-sentenza lil hati u x'jigri jekk huwa ma joqghodx ghall-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Probation u/jew l-Ordni ta' Trattament, u/jew l-Ordni ta' Protezzjoni u/jew il-Garanzija Personali, jew jekk jikkommetti reat iehor fi zmien **tlett (3) snin** millum.

Illi fil-kaz odjern ma' gewx mahtura esperti u ghalhekk m'hemmx spejjez x'jithallsu mill-imputat f'dan ir-rigward.

Tordna notifika ta' din is-sentenza u d-digrieti annessi lil Kummissarju tal-Pulizija u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation and Parole.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien m'aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
Magistrat